MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 333/1993/1

**Francis Borg Falzon**

**Vs**

**Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-23 ta' Marzu, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi l-attur ingagga fir-*Royal Malta Artillery* fis-26 ta' Mejju, 1957 bhala *Gunner* u rrizenja mis-servizz bhala *Staff Sergeant* fit-3 ta' April, 1992.

Eppremetta illi meta huwa kien fis-servizz gie ripetutament imcahhad mill-promozzjonijiet li kien jimmerita u li kellu dritt ghalihom *in vista* tal-kwalifiki u responsabilitajiet li kellu.

Ippremetta illi fit-*Testimonial* rilaxxjat mill-*Forzi Armati ta' Malta* jinghad illi *"Borg Falzon specialised in his trade. Being a good instructor, he passed his knowledge to other soldiers. An honest and trustworthy person whom I am sure can fit in any organisation".*

Ippremetta illi fl-1976 l-attur kellu jinghata promozzjoni ghal *Surgent* u nqabez (imbaghad sar *Surgent* fl-1981 u sar *Staff Surgent* fl-1983), u fl-1988 rega' nqabez ghat-tieni darba (meta kellu jsir *Warrant Officer II)*, u fl-1992 inqabez ghat-tielet darba, u allura ddecieda illi jirrizenja mill-*Forzi Armati ta' Malta* meta l-grad tieghu kien ta' *Staff Sergeant.*

Ippremetta illi l-konvenut, interpellat permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Frar, 1993 biex jirrimedja dina s-sitwazzjoni ingusta, baqa' inadempjenti.

Talbet lill-konvenut sabiex jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi meta l-attur kien fis-servizz gie ripetutament imcahhad mill-promozzjonijiet li kien jimmerita u li kellu dritt ghalihom *in vista* tal-kwalifiki u responsabiltajiet illi kellu,

2. Tordna lill-konvenut jaghti lill-attur retroattivament il-promozzjonijiet kollha li kien intitolat ghalihom,

3. Tordna lill-istess konvenut ihallsu d-differenza bejn dak li thallas lilu u dak li kien ikun dovut lilu kieku nghata l-promozzjonijiet f'waqthom,

4. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur,

5. Tillikwida l-istess danni,

6. Tikkundannah ihallas l-ammont ta’ danni kif stabilit.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Frar, 1993, kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Mejju, 1993, li in forza tieghu hatret lill-*Dr. Joseph Micallef Stafrace* u lil *Brigadier Arthur Gera* biex jirrelataw dwar it-talba tal-attur u jipprezentaw ir-rapport taghhom dwar il-meritu;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Novembru, 1993, li in forza tieghu cahdet talba tal-konvenut biex jiggustifika l-kontumacia tieghu u dan wara li qieset li l-kontumacia tieghu kienet wahda kolpuza;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Frar, 1995, li in forza tieghu kkonfermat l-*Brigadier Gera* fil-kariga li nghata bhala perit gudizzjarju;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-periti gudizzjarji;

Rat ir-rapport tal-periti gudizzjarji pprezentat fid-29 ta’ Jannar, 2002, u minnhom mahtuf fl-udjenza tal-11 ta’ April, 2002;

Rat id-digriet ta’ dina l-Qorti tal-10 ta’ Gunju, 2002, li in forza tieghu ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress illi ma jirrizultax illi saru l-provi mehtiega dwar it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt talbiet attrici;

Semghet il-provi li ressaq l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensur tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza l-attur ingagga fir-*Royal Malta Artillery* fis-26 ta’ Mejju, 1957, bhala *Gunner* u baqa’ fil-*Forzi Armati* anke wara li nholqot l-*Armata Maltija* bl-isem ta’ *Forzi Armati ta’ Malta,* u dan sakemm irrizenja mis-servizz bhala *Staff Sergeant* fit-3 ta’ April, 1992. Irrizulta li l-attur kien suppost spicca bl-eta’ ta’ 55 sena f’April, 1989. Hu, *pero’*, issottometta applikazzjoni biex ikompli sena ohra servizz b’effett minn April 1989 u din giet approvata fis-7 ta’ April, 1989. Din l-estenzjoni, skond ir-regolamenti tal-*Armata,* giet imgedda sena sena, sa ma l-attur ittermina l-ingagg tieghu f’April tal-1992.

L-attur jilmenta li tul iz-zmien li ghamel mal-*Armata* hu gie ripetutament mcahhad mill-promozzjonijiet li kien jimmerita, b’mod illi kieku inghata l-promozzjonijiet li kellu jiehu, hu kien jirtira bil-grad ta’ *Warrant Officer II.* L-ahhar promozzjoni li ha kien f’Marzu tal-1983, meta lahaq *Staff Surgeant.* Wara dan ma nghata ebda promozzjoni ohra, u nqabez milli jsir *Warrant Officer II* fl-1988 u fl-1992; kien wara li nqabez din it-tieni darba li l-attur irrizenja mill-*Forzi Armati.*

Fit-testimonjal rilaxxjat mill-*Forzi Armati ta’ Malta* jinghad illi l-attur *“specialised in his trade. Being a good instructor, he passed his knowledge to other soldiers. An honest and trustworthy person whom I am sure can fit in any organisation”.* Meta xehed il-*Brigadier Rupert Montanaro* dan qal li wara li rriveda r-*record sheet* ta’ l-attur, hu seta’ jghid li fil-kaz tal-ezercizzju ta’ Jannar, 1992 biss, l-attur *“seta jibbenifika mill-promotion minn Staff Sergeant* ghal *Warrant Officer II”.*

F’kaz tal-attur, mill-provi prodotti, jista’ jinghad li t-*trade qualifications* tieghu huma medja ghar-*rank* u s-servizz tieghu u kienu jpogguh eliggibbli li jilhaq surgent sakemm juri sens ta’ tregja u hila amministrativa ta’ certu livell. Dwar il-kwalifici edukattivi tal-attur ma jissemma xejn

fuqhom; *Class/Grade in Army Education* (qiesu *GCE 'O' Level*) kien jitqies mehtieg ghar-*rank* ta' *Warrant Officer.*

Jidher ukoll li ma kien hemm xejn straordinarju fil-karriera militari tal-attur. Il-fatt li suldat jinqabez milli jinghata promozzjoni m'ghandux jitqies bhala li hu, awtomatikament, kaz ta' ingustizzja. Ghalkemm is-*seniority* hu fattur li jitqies, dan mhux, izda, fattur determinanti wahdu. Is-*seniority* tassumi importanza sew meta jkollok tnejn min nies (jew izjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid taghzel wiehed.

Mill-premess, ma jidhirx li l-attur ressaq xi prova biex juri li hu gie maqbuz ghal promozzjoni ngustament, *pero'*, bhal perit legali, din il-Qorti ma tistghax ma taghtix piz kbir lix-xhieda u l-evalwazzjoni maghmula mill-*Brigadier Montanaro,* li ra b'ghajnejh u miss b'idejh l-istorja tal-promozzjonijiet fis-snin ta' qabel ma l-attur halla l-*Forzi Armati.* Dan, kif intwera, xehed li fic-cirkostanzi tal-kaz, l-attur kien jimmeritah promozzjoni f'Jannar tal-1992. Din ix-xhieda hija importanti ghax maghmula wara evalwazzjoni li saret tal-kaz tal-attur fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti fl-*Armata* qabel ma' l-attur halla l-korp; hija xhieda ta' persuna anzjana fil-korp, li tat diversi snin ta' servizz lill-*Forzi Armati,* tant li lahqet l-ghola post ta' Kap Kmandant tal-*Forzi Armati ta' Malta.*

L-ezercizzju prezenti mhux xi nkjesta dwar l-operat tal-*Forzi Armati ta' Malta* (kompriza t-*Task Force)* fis-snin rilevanti ghal kaz odjern. Il-Qorti ezaminat biss il-kaz tal-attur, fuq l-iskorta ta' dak pruvat, liema prova tispetta li ssir mill-attur anke fil-kontumacja tal-konvenut. Meta tqies kollox, din il-Qorti thoss li ghandu jigi accettat dak li xehed il-*Brigadier Montanaro,* u jigi dikjarat li l-attur kellu jiehu promozzjoni ta' *Warrant Officer II* f'Jannar, 1992 u jgawdi dan r-*rank* sa ma rrizenja fit-3 ta' April, 1992. Din il-Qorti, *pero'*, ma thoss li ghandha, fic-cirkustanzi tordna li lill-attur ghandu jinghata xi promozzjoni retroattivament, u sejra tipprovdi ghan-nuqqas li sar fil-likwidazzjoni tad-danni. *Oltre* din id-data, l-attur ma baqax fl-armata, u dan peress illi hu ma applikaz ghal estenzjonijiet ulterjuri tal-ingagg

tieghu sa ma jilhaq l-eta' ta' 61 sena, kif seta' ghamel; hu fil-fatt, irrizenja mill-*Forzi Armati* fl-eta' ta' 58 sena.

Ghar-rigward tat-talbiet l-ohra tal-attur, jirrizulta mill-provi illi kieku l-attur inghata promozzjoni f'Jannar tal-1992, sa meta rtira ftit xhur wara hu kien jiehu s-somma extra ta' Lm19.22; oltre dan, b'dik il-promozzjoni l-pensjoni kienet tizdiedlu b'Lm1.92 fix-xahar. It-Lm19.22 huma d-*damnum emergens* li effettivament tilef l-attur minhabba li ma hax *promotion* meta kellu jehodha. Ghar-rigward ta' telf ta' pensjoni, dan, bhala *lucrum cessans,* jista' jigi kwantifikat bis-sistema tal-*multiplier* li l-Qrati taghna soltu juzaw biex jikkalkulaw telf ta' qligh futur. Il-Qorti mhux se tordna varjazzjoni fil-pensjoni pagabbli, ghax se tipprovdi ghat-telf billi takkordalu d-differenza bhala *lump sum.* L-attur kellu 58 meta beda jiehu l-pensjoni, u *kwindi* din il-Qorti jidhrilha li ghandha tadotta *multiplier* ta' 12. It-telf fil-pensjoni, l-attur sejjer issofriha fl-interezza taghha, u, ghalhekk, m'hemmx percentagg ta' *"dizabilita'"* x'jinhadem. *Kwindi,* t-telf li ghandu jigi kkumpensat huwa ta' Lm2x12x12, u *cioe'*, Lm288. Peress li din il-kawza ilha pendenti aktar minn 10 snin, il-Qorti ma thoss li ghandha taghmel xi tnaqqis minhabba l-*lump sum payment.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddisponi mill-kawza milli tilqa' *in parte* l-ewwel talba attrici, u tiddikjara illi meta l-attur kien fis-servizz gie darba imcahhad mill-promozzjoni li kien jimmerita, tichad it-tieni talba, tilqa' t-talbiet l-ohra u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur, *in linea* ta' danni, is-somma ta' Lm307.22 (tlett mija u seba' liri u tnejn u ghoxrin centezmu), bl-imghax legali ta' 8% millum sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------